

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

(¹) ĠU C 297, 26.7.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Lulju 2023 – Schneider vs EUIPO – Frutaria Innovation (frutania)

(Kawża T-109/22) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva frutania – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva preċedenti Frutaria – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2023/C 338/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Markus Schneider (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Bergermann u D. Graetsch, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gája u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Frutaria Innovation, SL, li kienet Frutaria Comercial de Frutas y Hortalizas, SL (Zaragoza, Spanja) (rappreżentanti: J. Learte Álvarez u C. Anadón Giménez, avukati)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-17 ta' Diċembru 2021 (Każ R 1058/2017-1).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Markus Schneider huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 158, 11.4.2022.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Lulju 2023 – Pshonka vs Il-Kunsill

(Kawża T-243/22) (¹)

(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Iffriżar ta’ fondi – Lista ta’ persuni, entitajiet u organi li għalihom japplika l-iffriżar ta’ fondi u ta’ riżorsi ekonomiċi – Żamma ta’ isem ir-rikorrent fuq il-lista – Obbligu tal-Kunsill li jivverifika li d-deċiżjoni ta’ awtorità ta’ Stat terz ingħatat b’rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva”)

(2023/C 338/25)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrent: Artem Viktorovych Pshonka (Kramatorsk, l-Ukraina) (rappreżentant: M. Mleziva, avukat)